PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0383/2013

13.11.2013

RAPPORT

dwar iż-żamma tal-produzzjoni tal-ħalib f'żoni muntanjużi, żoni żvantaġġjati u reġjuni l-iktar imbiegħda wara li tiskadi l-kwota tal-ħalib
(2013/2097(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Herbert Dorfmann

Magħquda fid-diversità

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT 12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar iż-żamma tal-produzzjoni tal-ħalib f'żoni muntanjużi, żoni żvantaġġjati u reġjuni l-iktar imbiegħda wara li tiskadi l-kwota tal-ħalib
(2013/2097(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Titolu III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar, b'mod partikolari l-agrikoltura,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 174(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar, b'mod partikolari, ir-reġjuni tal-muntanji, u l-Artikolu 349 dwar ir-reġjuni l-iktar imbiegħda,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-iktar il-bogħod tal-Unjoni

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 261/2012[1] dwar ir-'relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib',

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 2006/0269(CNS) dwar is-'settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib: relazzjonijiet kuntrattwali' (2010/0362(COD)),

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina tal-1991 fil-qasam tal-biedja fil-muntanji, il-Protokoll dwar il-Biedja fil-Muntanji, ippubblikat fit-30 ta' Settembru 2006 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni NAT-V-028 (30 ta' Mejju 2013) dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet konsegwenti għat-tneħħija gradwali mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib – it-tieni rapport ta' impatt tajjeb ("soft landing")

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet konsegwenti għat-tneħħija gradwali mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib - it-tieni rapport ta' impatt tajjeb ("soft landing") (COM(2012) 741 final),

– wara li kkunsidra l-istudju 'It-tikkettar tal-prodotti agrikoli u tal-ikel tal-biedja fil-muntanji', ikkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (arranġament amministrattiv AGRI-2011-0460 / JRC-IPTS Nru 32349-2011-10),

– wara li kkunsidra l-istudju mwettaq mill-Kummissjoni dwar 'Economic impact of the abolition of the milk quota regime – regional analysis of the milk production in the EU' ta' Frar 2009,

---
[1] ĠU L 94, 30.12.2012, p. 38.
[2] ĠU L 271, 30.09.2006, p. 63.

– wara li kkunsidra l-istudju mwettaq mid-Dipartiment Tematiku B (għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) dwar 'the future of milk quota – different scenarios' ta' Jannar 2008,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0383/2013),

A. billi l-iskadenza tal-kwoti tal-ħalib se taffettwa s-suq Ewropew tal-ħalib kollu u r-raħħala tal-lattiċini fiż-żoni muntanjużi u fir-reġjuni l-aktar imbiegħda huma partikolarment affettwati b'dan, minħabba li ma jkunux jistgħu jintużaw l-opportunitajiet ta' tkabbir li jirriżultaw mid-deregulazzjoni minħabba l-iżvantaġġi naturali u permanenti ta' dawn ir-reġjuni;

B. billi, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD], iż-żoni fit-tramuntana tat-62 parallel u ċerti żoni li jmissu miegħu għandhom jitqiesu bħala żoni muntanjużi;

C. billi d-deċiżjonijiet li jsiru mir-raħħala żgħażagħ f'dawn iż-żoni dwar il-ġejjieni tagħhom se jiddependu mid-daqs tal-azjenda tal-biedja u r-riżorsi finanzjarji tagħhom, filwaqt li jitqies il-fatt li l-azjendi tal-biedja li riċentement investew fis-sistema tal-kwoti, ladarba l-kwoti jiġu eżawriti, se jiffaċċjaw kriżi tal-likwiditá aktar akuta u se jkunu mgħobbija b'piz finanzjarju akbar;

D. billi hemm żvantaġġi serji ta' spejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-ħalib fiż-żoni muntanjużi minħabba l-lok konċernat u minħabba r-restrizzjonijiet addizzjonali u, b'mod partikolari, restrizzjonijiet fuq l-użu tal-art, ir-raħħala għandhom jiġu ggarantiti xogħol ekonomikament vijabbli u profitabbli ladarba l-kwoti jkunu skadew;

E. billi l-iskadenza tal-kwoti tista' titfa' wkoll partijiet minn żoni żvantaġġati oħra fi żvantaġġ kompetittiv, filwaqt li tqiegħed f'periklu s-sostenibilità tal-produzzjoni f'dawn iż-żoni, parzjalment minħabba li d-densità tal-produzzjoni tant hi baxxa li l-intrapriżi tal-ġbir u l-ipproċessar jistgħu jirrelokaw għal żoni aktar kompetittivi fejn, b'mod partikolari, il-prezz tal-ġbir tal-ħalib huwa aktar baxx;

F. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-PAK il-ġdida hu li l-agrikoltura tibqa' produttiva fiż-żoni muntanjużi u żvantaġġjati jew ir-reġjuni l-aktar imbiegħda;

G. billi l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-ġbir, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib barra mir-reġjun tal-produzzjoni huma sostanzjalment ogħla f'dawn iż-żoni milli f'postijiet aktar favorevoli;

H. billi l-formazzjoni ta' assoċjazzjonijiet tal-produtturi tista' tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u tagħti lir-raħħala tal-lattiċini setgħa akbar ta' negozjar, b'mod partikolari fejn jidħol l-iffissar tal-prezzijiet tal-ħalib;

I. billi l-kundizzjonijiet ta' qafas eżistenti spiss ifissru li hu impossibbli li l-prodotti tal-ħalib jiġu pproċessati qrib il-post fejn huma prodotti; jinnota l-ħtieġa li titqies l-infrastruttura u li jitħallew li jintużaw denominazzjonijiet speċifiċi bħal "prodott tal-muntanji" għall-prodotti li jiġu pproċessati sa ċertu distanza miż-żona muntanjuża kkonċernata; iqis li

huwa essenzjali li din il-miżura tiġi applikata għall-prodotti kollha magħmula mill-ħalib miż-żoni muntanjużi;

J. billi f'ħafna minn dawn iż-żoni l-produzzjoni tal-ħalib hija s-settur l-aktar importanti u l-aktar mifrux tal-attività agrikola u hija essenzjali għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ħalib ta' kwalità għolja b'denominazzjonijiet rikonoxxuti mill-UE; billi huwa importanti li jinżammu bażijiet ta' produzzjoni fit-territorji kollha tal-Unjoni bil-għan li kull reġjun ta' konsum ikun jista' jiġi fornut mingħajr ma jiġġarrbu spejjeż bla bżonn mil-lat ta' trasport u mil-lat ambjentali;

K. billi f'ħafna Stati Membri u reġjuni, il-produzzjoni tal-ħalib hija pilastru ewlieni tal-ekonomija reġjonali u kontributur ewlieni għall-valur miżjud tal-agrikoltura;

L. billi l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' prodotti tal-ħalib ta' kwalità għolja huma wieħed mill-modi possibbli kif tiġi indirizzata l-produzzjoni akbar tal-ħalib;

M. billi f'ħafna reġjuni, il-produzzjoni tal-ħalib hija ġeneralment id-dominju tal-azjendi tal-biedja żgħar u ta' daqs medju mmexxija minn familji;

N. billi 59 % tal-art agrikola fir-reġjuni muntanjużi tintuża bħala bur permanenti jew mergħa b'rabta mal-industrija tal-ħalib, fejn normalment m'huwa possibbli jew raġonevoli l-ebda użu agrikolu ieħor; billi 9.5 % tal-ħalib prodott fl-UE joriġina fir-reġjuni muntanjużi; billi l-orografija u l-klima jillimitaw l-alternattivi agrikoli u d-diversità agrikola hija limitata ħafna f'dawn ir-reġjuni;

O. billi f'xi reġjuni l-iktar imbiegħda ma jista' jkun hemm l-ebda sostitut għall-produzzjoni tal-ħalib bħala wieħed mill-muturi prinċipali tal-ekonomija, l-istabilità soċjali, il-kwalità ambjentali u l-użu tal-art; billi f'dawn ir-reġjuni l-programmi POSEI jikkostitwixxu l-aħjar strumenti biex tiġi diretta aktar għajnuna ħalli jinżammu kif inhuma l-livelli tal-produzzjoni;

P. billi t-trobbija tal-annimali f'dawn ir-reġjuni mhijiex biss attività ekonomika u mezz ta' għajxien għall-abitanti tagħhom, iżda wkoll komponent ewlieni tal-kulturi tradizzjonali u l-istrutturi soċjali tagħhom, marbuta mill-qrib mal-ħajja u t-tradizzjonijiet tal-popolazzjonijiet lokali;

Q. billi, fiż-żoni muntanjużi, iż-żoni l-iktar imbiegħda u f'partijiet ta' żoni oħra żvantaġġjati, l-abbandun tat-trobbija tal-annimali u l-produzzjoni tal-ħalib relatata magħha ħafna drabi jwasslu biex tiġi abbandunata l-agrikoltura, l-ittraskurar ta' raba' tajba għall-agrikoltura u sussegwentement għad-depopolament u l-migrazzjoni miż-żoni rurali għaż-żoni urbani;

R. billi, f'dawn iż-żoni, l-agrikoltura spiss tgħin biex jiġu kkonservati l-pajsaġġ u l-bijodiversità u biex jiġu limitati l-perikli naturali, u għalhekk hija l-ġebla tax-xewka ta' żvilupp reġjonali ta' suċċess, u mingħajrha setturi ekonomiċi oħra bħalma hu t-turiżmu ma jkunux jistgħu jikbru; billi l-abbandun tal-biedja f'żoni bħal dawn x'aktarx li jkollu effett konsegwenti sever fuq dawk is-setturi;

S. billi f'ħafna żoni żvantaġġati, il-produzzjoni tal-ħalib tiżgura l-koeżjoni ekonomika u soċjali, u dan m'għandux jitqiegħed f'riskju minħabba l-iskadenza tal-kwoti; billi l-preservazzjoni tal-pajsaġġ agrikolu, l-industrija tat-turiżmu, iċ-ċirkwiti lokali tal-

produzzjoni- ipproċessar-kummerċjalizzazzjoni, l-impjiegi u l-perspettivi fit-tul għaż-żgħażagħ iridu jiġu salvagwardjati u promossi;

T. billi t-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib se twassal għal kompetizzjoni fl-Ewropa kollha fost ir-reġjuni ta' produzzjoni; billi d-differenzjazzjoni tal-prodotti hija vitali biex jinżamm l-aċċess għas-suq għaż-żoni muntanjużi;

1. Jinnota li, f'ħafna Stati Membri, il-pagamenti diretti mill-ewwel pilastru tal-politika agrikola, anke taħt ir-riforma attwali tal-PAK, huma bbażati fuq ammonti ta' referenzi storiċi, ħaġa li tista' titfa' fi żvantaġġ serju lill-bwar u, konsegwentement, il-produzzjoni tal-ħalib f'dawn ir-reġjuni; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri milquta minn tali sitwazzjonijiet biex mingħajr dewmien jintroduċu sistema li tikkoreġi l-iżvantaġġ li jġarrbu dawn ir-reġjuni meta jkunu qed jimplimentaw ir-riformi agrarji fil-livell nazzjonali;

2. Jinnota li l-ħalib tal-muntanji jirrappreżenta madwar 10 % tal-ħalib ġej mill-UE-27, iżda jikkostitwixxi żewġ terzi tal-produzzjoni tal-ħalib, jinvolvi tliet kwarti tal-produtturi, fl-Awstrija, is-Slovenja u l-Finlandja, u li ċ-ċifri korrispondenti għadhom sinifikanti ħafna f'madwar għaxar pajjiżi oħra; jinnota wkoll li fil-parti l-kbira ta' dawn ir-reġjuni muntanjużi umdi u anke fir-reġjuni l-iktar imbiegħda, il-bwar huma wżati prinċipalment bħala mergħat għall-merħliet tal-ħalib, filwaqt li jżommu l-pajsaġġi miftuħa u abitati u b'hekk jiffavorixxu lit-turiżmu, il-bijodiversità u l-ambjent;

3. Hu tal-fehma wkoll li l-bwar permanenti u l-mergħat, li għalihom normalment m'hemm l-ebda użu ieħor f'dawn iż-żoni, ħlief għat-trobbija tal-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż, m'għandhom qatt jiġu ttrattati bħala inferjuri għal żoni agrikoli oħra fil-kalkolu tal-pagamenti diretti tal-ewwel pilastru;

4. Jikkunsidra bħala essenzjali li għandu jiġi pprovdut primjum għall-bhejjem li jirgħu taħt l-ewwel pilastru tal-PAK u skont il-POSEI fir-reġjuni l-iktar imbiegħda għall-azjendi tal-biedja b'żoni ta' mergħat u foraġġ għall-bhejjem ; jirrifjuta kwalunkwe rekwiżit ġdid rigward l-għalf tal-annimali li jixtarru li jista' jwassal għad-diżintegrazzjoni fil-prattika agrikola eżistenti;

5. Jenfasizza r-rwol importanti tal-pagamenti akkoppjati taħt l-ewwel pilastru tal-politika agrikola; jindika li l-Istati Membri f'dawn iż-żoni għandhom jingħataw possibilitajiet ulterjuri biex igawdu minn pagamenti akkoppjati, kemm jekk nazzjonali u kemm jekk iffinanzjati mill-UE, kif ġie miftiehem fir-riforma attwali tal-PAK;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet tal-PAK jagħtu l-attenzjoni li tixraq lill-azjendi tal-biedja żgħar f'dawn iż-żoni, minħabba l-bżonnijiet strutturali tagħhom ta' intensità akbar tax-xogħol mill-bniedem, l-ispejjeż ogħla li jkollhom iġarrbu sabiex jakkwistaw fatturi produttivi u minħabba li dawn jagħtu kontribut siewi għaż-żamma tal-livelli ta' impjiegi u għall-iżvilupp rurali;

7. Jinnota li l-iskadenza tal-kwoti tal-ħalib fiż-żoni muntanjużi trid tiġi vvalutata separatament, minħabba l-karatteristiċi partikolari ta' tali żoni, jekk għandhom jitfasslu miżuri mmirati biex tiġi appoġġjata u sostnuta l-produzzjoni;

8. Minħabba n-natura insostitwibbli tal-produzzjoni tal-ħalib f'xi reġjuni l-iktar imbiegħda,

il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, f'dawn ir-reġjuni, jużaw il-programmi tal-POSEI biex isaħħu l-appoġġ fil-qasam tal-pagamenti diretti u l-miżuri tas-suq u l-programmi ta' żvilupp rurali biex jissaħħaħ l-appoġġ taħt it-tieni pilastru tal-PAK;

9. Jitlob li miżuri addizzjonali jsiru disponibbli bħala parti mill-iżvilupp tal-Qafas Strateġiku Komuni, bil-parteċipazzjoni tal-programm ta' żvilupp reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni; iqis li l-objettiv tal-Qafas Strateġiku Komuni għandu jkun li jippromwovi kunċetti ta' żvilupp reġjonali u programmi ta' preservazzjoni strutturali li jiffukaw fuq is-salvagwardja tal-agrikoltura u t-tisħiħ tal-katina tal-valur minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel;

10. Jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jifformulaw, fejn applikabbli, programm ta' żvilupp rurali speċifiku għall-produzzjoni tal-ħalib f'dawn iż-żoni;

11. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-konsolidazzjoni u l-ħolqien ta' proġetti li jiġġeneraw valur miżjud, issir differenzjazzjoni tal-prodotti skont it-territorji u jiġu offruti strateġiji ġodda biex iż-żoni muntanjużi jittejbu; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri b'firxa wiesgħa biex jiġu appoġġjati l-istabbiliment u t-tmexxija ta' dawn il-proġetti u investimenti kollettivi relatati;

12. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra l-għajbien tal-bwar u jikkunsidraw dan fil-leġiżlazzjoni dwar l-ippjanar tal-użu tal-art;

13. Jenfasizza li l-miżuri tat-tieni pilastru bħalma huma l-allowances kumpensatorji, il-primjums agroambjentali jew l-għajnuna ta' investiment individwali jew kollettiva għall-produzzjoni, l-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju u għajnuna biex jiġu promossi l-kwalità, id-diversifikazzjoni, l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni (inkluż mal-awtoritajiet lokali) huma ta' importanza kbira għall-produzzjoni sostenibbli tal-ħalib f'dawn iż-żoni; għalhekk iħeġġeġ li l-Istati Membri u r-reġjuni jingħataw il-qafas ġuridiku, il-livell ta' finanzjament u l-opportunitajiet neċessarji biex jiġi żgurat il-ħlas ta' allowances kumpensatorji adegwati u ddifferenzjati b'mod ċar u li jiġu promossi xorti ta' agrikoltura li jirrispettaw l-ambjent, huma sostenibbli u organiċi; jitlob biex l-ispejjeż ta' investiment ogħla tal-produzzjoni tal-ħalib fiż-żoni muntanjużi u fir-reġjuni l-iktar imbiegħda, li jeżistu minħabba n-natura partikolari tal-art, il-bagħod ta' dawn ir-reġjuni, il-frammentazzjoni estrema tal-ħbula ta' art u d-diskontinwità ġeografika ta' dawn il-gżejjer, jiġu kkumpensati bi ħlasijiet adegwati mit-tieni pilastru tal-PAK;

14 Jitlob barra minn hekk li tingħata għajnuna, b'mira speċifika, għall-investimenti b'rabta mad-deprezzament u l-interessi fuq il-bini tal-impriża agrikola u t-teknoloġija li għandha ssir disponibbli għall-azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib b'potenzjali ta' żvilupp, bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u tittejjeb il-kompetittività tal-azjendi tal-biedja;

15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu, b'mod partikolari, miżuri taħt it-tieni pilastru, bħalma huma impriżi kooperattivi għall-użu razzjonali ta' makkinarju jew bini agrikoli;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi mill-ġdid programm koerenti ta' żvilupp rurali u tas-settur tal-ħalib għaż-żoni muntanjużi, għar-reġjuni żvantaġġjati li jipproduċu l-ħalib u għall-Istati Membri fejn il-parti l-kbira tal-produzzjoni tal-ħalib tagħhom issir f'azjendi tal-biedja żgħar ħafna;

17. Jirrimarka li, minħabba l-problemi loġistiċi sostanzjali li jeżistu fir-rigward tat-trasport u l-ammonti normalment żgħar ta' ħalib prodott fuq l-azjendi tal-biedja individwali, l-ispejjeż tal-ġbir u l-ispejjeż tat-trasport tal-prodott lest fiż-żoni muntanjużi u fiż-żoni l-iktar imbiegħda huma partikolarment għolja, u dan iqegħedhom fi żvantaġġ ġeografiku u kompetittiv kbir; jitlob li tiġi pprovduta għajnuna għall-impjanti tal-ipproċessar, speċjalment l-impjanti li jappartjenu lill-kooperattivi, bil-għan li jiġu kkumpensati l-ispejjeż ogħla tal-ġbir u l-produzzjoni, inklużi l-fatturi għall-produzzjoni, u t-trasport tal-prodotti lesti f'dawn iż-żoni, meta mqabbla ma' postijiet aktar favorevoli;

18. Jenfasizza li tinħtieġ għodda għall-monitoraġġ tas-suq tal-produzzjoni tal-ħalib bil-għan li jinġabru u jixxerrdu d-dejta u l-informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-provvista;

19. Jirrimarka li l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni in situ fl-azjenda tal-biedja jew fil-mergħa tal-muntanji jfissru valur miżjud ogħla għall-azjendi tal-biedja żgħar u mikro fir-reġjuni muntanjużi u f'żoni oħra żvantaġġjati u jsaħħu l-potenzjal turistiku ta' dawn il-postijiet; jenfasizza li dawn l-inizjattivi għandhom jiġu ffinanzjati fil-qafas tat-tieni pilastru tal-PAK;

20 Jenfasizza li d-distanza konsiderevoli bejn ir-reġjuni l-iktar imbiegħda u s-swieq tal-konsumaturi toħloq il-ħtieġa għal ħżin doppju, skont l-organizzazzjoni loġistika moderna; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tqis lil dawn il-faċilitajiet ta' ħżin li jinsabu barra mit-territorju tar-reġjuni l-iktar imbiegħda bħala eliġibbli fil-qafas tar-regolamenti dwar l-investiment f'dawn ir-reġjuni;

21. Jinnota li ż-żoni b'mergħat alpini għandhom bżonn ta' attenzjoni partikolari fir-rigward ta' investimenti u interventi mmirati għall-manteniment jew għar-restorazzjoni tal-kundizzjonijiet neċessarji għall-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ tal-ħalib;

22. Jindika li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ miżuri li jippermettu l-produzzjoni ta' prodotti tipiċi b'mod artiġjanali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex, meta jkunu qed jabbozzaw il-leġiżlazzjoni kollha, iqisu l-ħtieġa li tiġi evitata l-burokrazija eċċessiva u jżommu r-rekwiżiti tas-sanità, tat-tikkettar u tal-informazzjoni obbligatorja f'limiti raġonevoli, sabiex jiġi żgurat li jkunu fattibbli għall-produtturi u l-proċessuri ż-żgħar;

24. Jirrimarka li r-raħħala żgħar fiż-żoni muntanjużi u fiż-żoni żvantaġġjati għandhom jiġu appoġġjati fl-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jsaħħu s-setgħa tagħhom ta' negozjar, peress li huwa importanti għar-raħħala ta' skala żgħira f'dawn iż-żoni li jżommu għaddejja u jiżviluppaw aktar swieq lokali reġjonalizzati;

25. Jenfasizza li r-regoli dwar l-iġjene u l-kummerċjalizzazzjoni jeħtieġ li jiġu aġġustati għad-daqs tas-swieq u d-domanda tagħhom u li l-istandards tal-iġjene għandhom għalhekk ikunu adattati u applikabbli għar-raħħala u għall-proċessuri tal-ħalib fiż-żoni muntanjużi u żvantaġġjati u fir-reġjuni l-iktar imbiegħda;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-metodi tat-trobbija tal-annimali mmirati lejn il-produzzjoni effiċjenti tal-ħalib huma partikolarment għalja mil-lat ta' spejjeż fuq l-azjendi tal-biedja żgħar; għalhekk jitlob biex it-trobbija tal-annimali tiġi promossa, sabiex l-

azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib f'dawn iż-żoni jkunu jistgħu jrabbu l-bhejjem ta' kwalità għolja tagħhom stess minkejja dan;

27. Hu tal-fehma li għandha tiġi inkoraġġita l-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-ħalib, bil-għan li jiġi żgurat aċċess adegwat għas-suq għall-azjendi tal-biedja kollha u biex jinħolqu sħubijiet għall-promozzjoni tat-turiżmu agroambjentali;

28. Jirrimarka li, skont l-arranġamenti taħt l-OKS għall-frott u l-ħxejjex u l-frott, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jingħataw l-opportunità li joħolqu programmi operattivi ffinanzjati mill-UE; f'dan il-kuntest l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jingħataw l-opportunità li jippromwovu l-aċċess għal swieq ġodda, l-iżvilupp tas-swieq, il-kontroll tal-kwalità u l-innovazzjoni tal-prodotti u inizjattivi ta' reklamar, partikolarment fir-rigward tad-denominazzjoni "prodott tal-muntanji" jew termini riservati fakultattivi oħra li jistgħu jiġu approvati, denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u marki oħra tal-kwalità, kif ukoll li jrawmu l-iżvilupp ta' ħiliet u miżuri għall-immaniġġjar tal-kriżijiet;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iż-żoni tal-bur u l-produzzjoni tal-ħalib fiż-żoni żvantaġġjati jiġu inkorporati fil-programmi ta' riċerka konjunti u jiġu partikolarment ikkunsidrati fil-qafas tal-proġetti ta' riċerka konġunti li jinkoraġġixxu soluzzjonijiet innovattivi għal dawn iż-żoni, filwaqt li wieħed jiftakar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi tal-produttività u tat-tibdil fil-klima; iqis li din ir-riċerka għandha tfittex ukoll li tidentifika l-benefiċċji tas-saħħa għall-konsumaturi;

30. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-ħalib f'dawn iż-żoni u biex tirrieżamina l-impatt ekonomiku tal-iskadenza tal-kwoti tal-ħalib fuq l-l-azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib f'dawn iż-żoni; jitlob lill-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jittratta din il-kwistjoni sal-2017, flimkien ma' proposta leġiżlattiva jekk il-produzzjoni tal-ħalib tkun naqset b'mod sinifikanti f'dawn ir-reġjuni;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi f'kooperazzjoni mal-produtturi, mal-assoċjazzjonijiet tal-produtturi u mal-korpi tal-ikkummerċjar – abbażi, pereżempju, tal-mudell tal-ġbir ta' fondi – biex itaffu l-impatt tat-tnaqqis qawwi li mistenni jseħħ fil-prezzijiet tal-ħalib;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-programm tal-Unjoni għad-distribuzzjoni tal-ħalib fl-iskejjel u, b'mod partikolari, jippermettu lis-sejħiet għall-offerti jirreferu speċifikament għall-ħalib ġej minn żoni muntanjużi bid-denominazzjoni 'prodott tal-muntanji'; jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw ktajjen tal-provvista qosra fil-programm tal-ħalib fl-iskejjel, sabiex tiġi stimolata l-produzzjoni tal-ħalib lokali u jiġu limitati l-emissjonijiet tal-karbonju mit-trasport;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tkun qed tabbozza u timplimenta leġiżlazzjon fir-rigward tad-denominazzjoni "Prodott tal-muntanji", tikkunsidra l-karatteristiċi speċjali tal-prodotti bid-denominazzjoni protetta ta' oriġini u koperti minn regoli speċifiċi tal-oriġini, billi tikkunsidra l-possibilità li tintroduċi arranġamenti flessibbli għaż-żoni muntanjużi, li jistgħu, minħabba l-iżvantaġġi speċifiċi tagħhom, bħalma huma d-diffikultajiet biex jiġu prodotti għelejjel għall-għalf, jiġu esklużi minn skemi li jipprovdi għalihom ir-

Regolament 1151/2012, b'kontradizzjoni tal-mira tar-regolament;

34. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw l-inkorporazzjoni tal-mergħat abbandunati fiċ-ċiklu tal-produzzjoni, u b'hekk iżidu r-rendiment taż-żoni tal-bur u l-użu razzjonali tagħhom;

35. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza ta' miżuri li jgħinu lir-raħħala żgħażagħ jistabbilixxu ruħhom fiż-żoni muntanjużi, filwaqt li wieħed jiftakar li l-popolazzjoni f'dawn iż-żoni qed tixjieħ b'rata li hija ogħla mill-medja;
36. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu l-qafas meħtieġ biex jippermettu lill-produtturi u l-proċessuri fiż-żoni muntanjużi u ż-żoni żvantaġġjati jkollhom aċċess għal korsijiet ta' taħriġ u għal self;
37. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-settur tal-ħalib tal-UE se jesperjenza bidla kbira wara li jiskadu l-kwoti fl-2015. Għall-ewwel darba f'31 sena, is-settur se jkun mingħajr kwoti tal-ħalib. Din il-bidla sostanzjali x'aktarx iġġib magħha ċaqliq negattiv tas-suq għas-settur tal-prodotti tal-ħalib, partikolarment fiż-żoni żvantaġġjati u r-reġjuni l-iktar imbiegħda. Għal dawn iż-żoni, il-produzzjoni tal-ħalib hija ħafna drabi l-unika għajn ta' dħul, waqt li l-komunità lokali tiddependi ħafna mis-settur tal-produzzjoni tal-ħalib.

Sabiex jiġi żgurat futur stabbli għal dan is-settur u sabiex tiġi evitata d-depopolazzjoni taż-żoni rurali flimkien mal-konsegwenzi negattivi ekonomiċi u ambjentali, jeħtieġ li jittieħdu passi ulterjuri fuq livell Ewropew.

Ir-rapporteur jemmen li l-hekk imsejjaħ "pakkett tal-prodotti tal-ħalib", li għandu l-għan li jsaħħaħ is-setgħa ta' negozjar tal-produtturi, huwa biss pass inizjali, iżda mhux se jkun jista' jiżgura l-futur tal-produzzjoni tal-ħalib f'dawk iż-żoni l-iktar vulnerabbli.

Barra minn hekk, huwa ta' importanza vitali li jiġi skrutinizzat iktar l-impatt tal-abolizzjoni tal-kwoti, partikolarment fiż-żoni żvantaġġjati u r-reġjuni l-iktar imbiegħda.

L-iskop ċentrali ta' dan ir-rapport INI huwa għaldaqstant sabiex issir enfasi fuq dawn iż-żoni l-iktar ipperikolati biex ikunu żgurati għajxien diċenti għar-raħħala u futur għaż-żoni rurali, b'mod partikolari minħabba li r-riforma tal-PAK ma indirizzatx din il-kwistjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Eric Andrieu, Liam Aylward, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Mariya Gabriel, Iratxe García Pérez, Julie Girling, Béla Glattfelder, Martin Häusling, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, George Lyon, Gabriel Mato Adrover, Mairead McGuinness, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Pilar Ayuso, Anthea McIntyre, Maria do Céu Patrão Neves, Milan Zver